# IL-MILIED FIL-FAMILJA STRASS

Ix-xitwa hu zmien qalil u iebes ghan-nies ta' San Maurizio, rahal zghir mhares u mdawwar mill- muntanji ta' l-Alpi u li jinsab fuq il-fruntiera ta' bejn l-Italja u l-Awstrija. Fit-tlett xhur ta' dan l- istagun, jinzel silg bl-abbundanza. It-toroq jinghalqu ghal kull xorta ta' vettura bir -roti u tintuza s-slitta ghal-ivvjagar bejn San Maurzio u l-irhula ta' madwar. Li ma kienx ghan-nies li jfittxu l- vakanzi tas-silg, dan ir-rahal kien ikun mejjet ghal kollox, maqghtuh u minsi mid-dinja. Jinghad u jidher li hekk hu, li f'kull dar hemm kamra msejha, "l-kamra ta' l-ospiti". Fiha l-familja tilqa' li dawk it-turisti li jkun jixtiequ jqattghu xi jiem u jiddevertu fl-ambjent tas-silg. F'dan iz-zmien ta' ksieh u maltemp, l-abitanti jinghalqu gewwa u johrogu biss ghal bzonn, imma meta tohrog ix- xemx anke ghal xi waqtiet tarahom johorgu biex jilghaqu s-shana dghajfa taghha. Meta joqrob is-sajf l-irgiel u zaghzagh jmorru fil-boskijiet jaqtghu s-sigar u joforquhom f'bicciet mdaqqsa biex jahznuhom ghax-xitwa ta' wara.

F'dan ir-rahal ckejken rari tigri xi haga li tigbed l-attenzjoni, izda meta issehh xi grajja n-nies idumu jitkellmuha u jirrakontawha ghal granet shah. Il-grajja li habtet wiccha maghha l-familja Strass damet fuq fomm kulhadd ghal hafna zmien. Min jghid haga u min jghid ohra, min izid u min

inaqqas skond il-gosti tieghu. Johan zaghzugh Awstriak izzewweg lil Eleonora u gew joqghod f'San Maurizio biex ikun vicin il-post tax-xoghol tieghu. Kien jahdem bhala skrivan ma' kumpanija fuq il-fruntiera ta' Awstrija u kellu biss siegha boghod mid-dar ghall-post tax-xoghol. Jum wiehed ma dahalx id-dar bhalma s-soltu kien jaghmel u Eleonora inkwetat li seta' gralu xi haga gravi. Ghaddiet lejl inkwetata ghal ahhar. Filghodu xi irgiel tawha l-ahbar li zewgha instab mghallaq ma' sigra fil-bosk. L-ahbar xterdet bhal lehha ta' berqa fir-rahal kollu u kulhadd beda jghid tieghu. Min qal li qatluh ghax kellu hafna djun u ma setghax ihallas, ohrajn qalu kien involut fid-drogi peress li kuljum kien jaqsam il-fruntiera. L-ezami tal-pulizija indika li fuq il- katavru nstabu xi sinjali ta' vjolenza, turija li Johan issilet mal-qattiel jew qattiela tieghu qabel dendluh ma' sigra. Qatt ma setghet tinstab ir-raguni ta' dan il-qtil, u xi provi li kellhom f'idejhom il-pulizija, indikaw li dan kien qtil ta' identita' zbaljata. Eleonora sfat armla b'zewgt itfal xi trabbi.

Ghal-ewwel in-nies tar-rahal kollha waqfu maghha u ghenuha, imbaghad sabet ruhha tghum wahedha fil-problemi tal-hajja. Mattia, izda baqa' joffri l-ghajnuna tieghu biex itaffilha t-tbatija.

Matti, kif kienu jsejhulu ghall-qosor, ma kienx xi sinjur. Kellu hanut tal-merca biex jaqdi n-nies tar-rahal. Izda mill-ftit zejjed li kien jaqla', kien jghin kif jista'. Mibgheda kbira kellu ghal-ghazz jew ghal dawk li jonfqu bla razan u imbaghad ma' jkollhomx bizzejjed ghall-bzonnijiet tal-hajja. Imma ghal dawk

li  kienu genwinament fil-bzonn kellu qalb tal-laham. Ghal ta' l-ewwel, kien jaghlaq u jsakkar il-bibien ta' daru, izda ghal ta' ahhar kien jiftah daru berah. Il-familja tieghu kienet tghodd tlieta minn nies barra minnu, it-tifel tieghu Raffael, it-tifla tieghu Viola, u martu Adele. Vjola zzewget u marret toqghod Ruma fejn zewgha kien imexxi l-kumpannija tieghu ta' l-ghamara. Fl-ewwel tas-sena qatt ma kienet tonqos li flimkien ma' zewgha tghaddi xi jiem ghand il-familja taghha.

Kien jonqos biss jumejn biex jasal il-Milied. Kienet is-sena 1965. Wara li Raffaele nehha z- zarbun intelaq fuq il-pultruna quddiem in-nar biex jishon u qaghad jistenna lil ommu ggiblu skutella cikkulata tahraq biex jixrobha ftit ftit filwaqt li jara l-ahbarijiet fuq it-televisjoni . "Kollox bhas-soltu, glied u nuqqas ta' ftehim" qal wahdu wara li ra l-ewwel punti. Barra kienet kesha xxoqq il-ghadam u s-sema kien tqil bis-shab. Il-borra ma waqfitx niezla minn filghodu. Matti
miksi kollu borra minn rasu sa saqajh dahal gewwa u ghajjat lil Raffaele biex jaghtih daqqa t'id. "Ilbes seww ghax hawn barra l-ksieh u r-rih ukoll."

Raffaele kellu fuqu buli kbar. U ma setghax jonqos li jkun hekk: l-ewwel ghax ma kienx ser jiehu s-senter li xtaq ghal-Milied, u l-ohra ghaliex ma setghax jifhem xi htiega kien hemm li issir ix-xoghol dak il-hin u mhux l- ghada. Madanakollu hu libes mill-gdid iz-zarbun, tefa' fuqu ilbies oxhon u xedd l-ingwanti.

Quddiem il-kamra fejn kienu jahznu l-injam, kien hemm

imhejjija s-slitta. Go fiha Matti u Raffaele bdew jghabbu l-injam imqatta. "Dak kollu kont qattajtu jiena," qal Matti li ibnu Raffaele waqt li  tbaxxa biex jigbor aktar injam. "U jiena missier fraqthom bicciet izghar bil-mannara", wiegbu Ibnu Raffaele biex bhallikieku jurih li kellu mertu wkoll f'dan ix-xoghol.

"Missier xi htiega hemm li nghabbu issa? Ghada ma jasalx?"

" Ilek ma tghaddi minn hdejn l-armla Strass? " staqsa l-missier lil ibnu. " Zewgha qatluh sentejn ilu, hallieha b'zewgt itfal, l-ikbar wiehed ta' disa' snin.

L-armla kienet toqghod xi tlett mili ‘l boghod minn Matti fit-tarf tar-rahal. "Dalghodu stess ghaddejt minn quddiem id-dar taghha meta kont sejjer ingib l-merkanzija ghall-hanut, " wiegeb Raffaele. " Ghaliex qed tistaqsi pa?"

"Iz-zghir kien qed ifittex xi zkuk ‘l hawn u ‘l hemm. L-injam spiccalhom". Dan kien bizzejjed biex Raffaele jifhem x'kellu f'mohhu missieru. Matti dahal gewwa, gab perzuta kbira u xkora tqiq u ghabbihom fuq is-slitta. F'rokna tas-slitta kien hemm kaxxa u Raffaele staqsa lil missieru x'kien fiha. "Zraben," qallu missieru , " u xi ftit hwejjeg ukoll. Fiha hemm ukoll xi helu ghat-tfal ghax wara kollox Milied minghajr helu x'inhu ghat-tfal?"

Terrqu lejn id-dar ta' l-armla Strass f'silenzju kbir miksur biss mill-passi taz-ziemel. Raffaele ried jifhem x'kien qed

jipprova jaghmel missieru. Il-familja ta' Matti ma kienitx itajjar hafna flus. "Veru li njam ghandna bil-bosta mahzun, ikel ma ahniex nieqsa minnu u allura nistghu innaqqsu xi ftit minn taghna biex naghtu lil haddiehor imma ma ghandniex flus bil-hala biex nixtru zraben u helu," beda jahseb Raffaele. "Min fejn gabhom dawn il-flus?". Wara kollox din is-sena Raffaele kien ser jibqa nieqes mis-senter.

Waslu hdejn id-dar ta' l-armla u Matti habbat il-bieb. "Min hemm?" staqsiet vuci minn gewwa. "Jien Matti u ibni Raffaele. Nistghu nidhlu ?" talab Matti

L-armla Eleonora fethet il-bieb u dahhlithom gewwa. Kellha kutra mdawwra ma' spallejha biex tilqa' il-ksieh. It-tfal taghha mghottija wkoll f'kutra kull wiehed, kienu qeghdin bilqieghda quddiem in-nar bati li ftit li xejn kien qed jifta' shana. "Gibnilek xi haga, sinjura," qalilha Matti filwaqt li pogga ix-xkora tat-tqiq, il-perzuta u l-kaxxa biz-zraben u xi helu. Jekk tghidilna fejn nistghu nhottulek l-injam " .

Eleonora fethet il-kaxxa u quddiem ghajnejha lemhet tlett pari zraben ta' l-aqwa kwalita' li kellhom iservu ghal zmien twil. Id-dmugh xiref fuq xraf ghajnejha u gelben ma' hadejjha. Raffaele gab minn barra xi injam biex iqabbad in-nar . "Ghandek injam bizzejjed biex iservik ghal hmistax, " qalilha Matti.  Matti u Raffaele raw il-ferh fuq dawk it-tlett ucuh. U t-tbissima kibret meta ta lit-tfal xi helu. Minn dak li ra quddiemu Raffaele, kien cert li dawk l-ucuh kienu ilhom ma jaraw tbissima u ferh. Eleonora daret lejhom u qaltilhom, " Alla jitfa l-barka tieghu fuqkom. Il-Mulej baghatkom. It-tfal u

jiena ilna nitolbu biex jibghatilna xi anglu."

Raffaele kellu jdawwar wiccu biex ma jurix demghat li waqghu minn ghajnejh u mesah malajr wiccu biex ma jurix li kien qed jikbi. Matti ghannaq lit-tfal. Ma rieduhx jitlaq imma issa kien dalam sewwa. Raffaele ra kemm it-tfal kienu neqsin minn missierhom u hassu ixxurtjat li hu kien ghadu jgawdih. Hekk kif kien fuq l-ghatba tal-bieb, Matti dar lejhom u qalilhom, " Marti Adele trid li intom tigu ghal-ikla tal-Milied. Id-dundjan hu kbir wisq ghalina it-tlieta. Nigi ghalikom bis-slitta ghall-hdax."

"Grazzi. Nigu zgur. Ma hemmx htiega li nghidlek "Jalla l-Bambin jixhet idejh fuqek." Ghax jiena certa li dan jaghmlu zgur."

Meta tbeghdu qatih mid-dar ta' l-armla, Matti qal lil ibnu, " Raffaele, irridek tkun taf li ommok u jiena konna qed ingemmu dik ix-xi haga zghira ‘l hemm u ‘l hawn matul is-sena biex nixtrulek is- senter. Imma ma kellniex bizzejjed. Imbaghad il-bierah gie wiehed habib tieghi li kellu jaghtini zmien ilu jhallas dejnu. Frahna jiena u ommok li issa gbarna flus bizzejjed biex nixtrulek dak li dejjem xtaq. Sahansitra mort il-belt biex infittex xi haga tghodd ghalik. Izda meta ghaddejt minn quddiem il-familja Strass rajt lit-tifel iz-zghir jghix f'tant faqar li anqas zarbun addatat ma kellu f'saqajh. Kien imqatta u ikbar minn saqajh. Dak il-hin kont naf x'ghandi naghmel. Ibni nfaqt il- flus fiz-zraben u l-helu ghal dawk it-tfal."

Raffaele fehem li karita' li ghamel missieru kienet rigal ghalih ukoll. "Kollox sew pa. Ir-rigal diga’ hadtu. Inti hallejtni nara x'jfisser l-ferh fuq dawk l-ucuh sfortunati."